FTEHIM

bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Afrika tal-Punent dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

minn naħa waħda, u

L-UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA TAL-AFRIKA TAL-PUNENT

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem imsejħa 'l-Partijiet',

FILWAQT LI JINNUTAW li ftehimiet bilaterali dwar servizzi tal-ajru li ġew konklużi bejn diversi Stati Membri tal-Komunità Ewropea u tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Afrika tal-Punent (WAEMU), rispettivament, li jinkludu dispożizzjonijiet kuntrarji għal-liġi tal-Komunità, kif innutat fid-Deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej f'Novembru 2002,

FILWAQT LI JINNUTAW li l-Komunità Ewropea għandha kompetenza esklussiva fir-rigward ta' diversi aspetti li jistgħu jiġu inklużi fi ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi,

FILWAQT LI JINNUTAW li, skont il-leġislazzjoni tal-Komunità Ewropea u tal-WAEMU, it-trasportaturi tal-ajru Komunitarji stabbiliti f'xi wieħed mill-Istati Membri għandhom id-dritt għal aċċess mhux diskriminatorju għar-rotot tal-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW il-ftehimiet bejn il-Komunità Ewropea u ċerti pajjiżi terzi li jipprovdu l-possibbiltà għaċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi li jiksbu dritt ta' proprjetà ta' trasportaturi tal-ajru mogħtija liċenzja f'konformità mal-leġislazzjoni tal-Komunità Ewropea,

FILWAQT LI JAGĦRFU li ċerti dispożizzjonijiet li jikkontrollaw l-għażla li jinsabu fil-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u tal-WAEMU, rispettivament, li mhumiex konformi mal-liġi Komunitarja, iridu jinġiebu totalment konformi ma' din tal-aħħar b'mod li tista' tiġi stabbilita bażi legali soda f'dak li jikkonċerna s-servizzi tal-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-WAEMU biex tinżamm il-kontinwità ta' dawn is-servizzi,

FILWAQT LI JINNUTAW li, skont il-leġislazzjoni tal-Komunità Ewropea u tal-WAEMU, it-trasportaturi tal-ajru fil-prinċipju ma jistgħux jikkonkludu ftehimiet li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u tal-WAEMU, rispettivament, li jkollhom bħala l-għan jew l-effett tagħhom li jipprevjenu, jirrestriġu jew jgħawġu l-kompetizzjoni,

FILWAQT LI JAGĦRFU li d-dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru konklużi bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u tal-WAEMU, rispettivament, li:

(i) jirrikjedu jew jiffavorixxu l-adozzjoni ta' akkordji bejn l-intrapriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' intrapriżi jew prattiki kkonċertati li jimpedixxu, jgħawġu jew jirrestriġu l-kompetizzjoni bejn it-trasportaturi tal-ajru fuq ir-rotot rilevanti; jew

(ii) isaħħaħ l-effetti ta' kwalunkwe akkordju, deċiżjoni jew prattika kkonċertata ta' dan it-tip; jew

(iii) jiddelegaw lit-trasportaturi tal-ajru jew lil operaturi ekonomiċi privati oħra r-responsabbiltà għat-teħid ta' miżuri li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestriġu l-kompetizzjoni bejn it-trasportaturi tal-ajru fuq ir-rotot rilevanti,

jistgħu jrendu mhux effettiva l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-intrapriżi,

FILWAQT I JIKKUNSIDRAW li mhuwiex wieħed mill-għanijiet tal-Partijiet, bħala parti minn dawn in-negozjati, li jiżdied il-volum totali tat-traffiku tal-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-WAEMU, li jiġi affettwat il-bilanċ bejn it-trasportaturi tal-ajru tal-Komunità u t-trasportaturi tal-ajru tal-WAEMU jew li jiġu nnegozjati emendi għad-dispożizzjonjeit tal-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru f'dak li jikkonċerna d-drittijiet ta' traffiku,

FILWAQT LI JINNUTAW li r-relazzjonijiet tal-ajru tal-Istati Membri tal-WAEMU ma' dawk tal-Komunità Ewropea jirrapreżentaw aktar minn 80 % tar-rotot tal-ajru internazzjonali tagħhom, relazzjonijiet li tradizzjonalment huma mmexxija minn ftehimiet tal-ajru bilaterali,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW id-Deċiżjoni Nru 08/2002/CM/WAEMU tas-27 ta' Ġunju 2002 li tadotta l-Programm Komuni tat-Trasport bl-Ajru tal-Istati Membri tal-WAEMU,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW id-Direttiva Nru 08/2006/CM/WAEMU tas-16 ta' Diċembru 2006, li tagħti lill-Kummissjoni tal-WAEMU, assistita mir-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-WAEMU, mandat li tiftaħ u tmexxi n-negozjati mal-Kummissjoni Ewropea bil-ħsieb tal-introduzzjoni ta' klawsola Komunitarja ta' għażla fil-ftehimiet tal-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tal-WAEMU,

FILWAQT LI JINNUTAW il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li tuża l-opportunità li toffrilha l-leġislazzjoni Ewropea u d-dispożizzjonijiet tat-Trattat tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Afrika tal-Punent biex isiru negozjati għal kull blokk dwar l-introduzzjoni ta' klawżola Komunitarja ta' għażla fil-ftehimiet tal-ajru ffirmati bejn l-Istati Membri tal-WAEMU u dawk tal-Komunità Ewropea,

FTIEHMU DWAR ID-DISPOŻIZZJONIJIET LI ĠEJJIN:

Artikolu 1

Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, it-termini u l-espressjonijiet ta' hawn taħt għandhom ifissru kif ġej:

i. WAEMU: l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Afrika tal-Punent,

ii. KE: il-Komunità Ewropea

2. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, 'Stati Membri tal-KE' għandha tfisser l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea, 'Stati Membri tal-WAEMU' għandha tfisser l-Istati Membri tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Afrika tal-Punent u 'Stati Afrikani' għandha tfisser l-Istati Membri tal-Unjoni Afrikana u l-Marokk.

3. F'kull wieħed mill-ftehim bilaterali elenkat fil-Parti A tal-Annessi għal dan il-Ftehim, ir-referenzi għaċ-ċittadini tal-Istat Membru tal-KE u ċ-ċittadini tal-Istat Membru tal-WAEMU għandhom jinftiehmu, rispettivament, bħala referenzi għaċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-KE jew tal-Istati Membri tal-WAEMU.

4. F'kull wieħed mill-ftehim bilaterali elenkat fil-Parti A tal-Annessi għal dan il-Ftehim, ir-referenzi għat-trasportaturi tal-ajru jew għal-linji tal-ajru tal-Istat Membru tal-KE jew tal-Istat Membru tal-WAEMU li huma parti għal dan il-Ftehim għandhom jinftiehmu bħala referenzi għat-trasportaturi jew il-linji tal-ajru magħżula minn dawn l-Istati.

Artikolu 2

Għażla u Awtorizzazzjoni

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jipprevalu fuq id-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-Artikoli elenkati fil-Parti B, punt (a) tal-Annessi għal dan il-Ftehim, fir-rigward tal-għażla ta' trasportatur tal-ajru, il-liċenzji u l-permessi mogħtija lilu.

2. Mal-wasla tal-għażla minn Stat Membru ta' waħda mill-Partijiet, l-Istat tal-Parti l-oħra għandu jagħti l-liċenzji u l-permessi adatti bl-anqas dewmien proċedurali possibbli, bil-kondizzjoni li:

(a) fil-każ ta' trasportatur tal-ajru magħżul minn Stat Membru tal-KE:

i. it-trasportatur tal-ajru jkun stabbilit, skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, fit-territorju tal-Istat Membru tal-KE li jkun qed jagħżlu u jkollu Liċenzja Operattiva valida f'konformità mal-leġislazzjoni tal-Komunità Ewropea; u

ii. ikun eżerċitat u żgurat kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur tal-ajru mill-Istat Membru tal-KE responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat ta' Operatur tal-Ajru tiegħu u l-awtorità aeronawtika rilevanti tkun identifikata b'mod ċar fl-għażla.

(b) fil-każ ta' trasportatur tal-ajru magħżul minn Stat Membru tal-WAEMU:

i. it-trasportatur tal-ajru jkun stabbilit fit-territorju tal-Istat Membru tal-WAEMU li jkun għażlu u jkun irċieva approvazzjoni valida ta' trasportatur tal-ajru, skont il-leġislazzjoni tal-WAEMU; u,

ii. ikun eżerċitat u żgurat kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur tal-ajru mill-Istat Membru tal-WAEMU responsabbli għall-ħruġ tal-Liċenzja Operattiva tal-Ajru skont l-Annessi rilevanti (b'mod partikolari l-Anness 1, 6 u 8) tal-Konvenzjoni ta' Chicago, u l-awtorità aeronawtika kompetenti tkun identifikata b'mod ċar fl-għażla; u,

iii. jew:

a. it-trasportatur tal-ajru jkun il-proprjetà u effettivament ikkontrollat, direttament jew permezz ta' maġġoranza tal-ishma, mill-Istati Membri tal-WAEMU u/jew miċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-WAEMU, jew minn Stati Afrikani oħrajn u/jew miċ-ċittadini ta' dawn l-Istati Afrikani l-oħrajn, jew

b. is-servizzi mħaddma mit-trasportatur tal-ajru ċċertifikat skont il-leġislazzjoni tal-WAEMU għandhom prinċiparjament jitilqu minn jew jaslu f'ajruport jew ajruporti ta' Stat Membru tal-WAEMU u l-persunal tekniku operattiv u tal-ġestjoni tiegħu huwa magħmul fil-parti l-kbira minn ċittadini tal-Istati Membri tal-WAEMU, jekk l-Istat Membru tal-KE kkonċernat jikkonferma l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijeit ta' dan il-punt b.

Artikolu 3

Ċaħda, revoka, sospensjoni jew limitazzjoni

1. Id-dispożizzjonijiet imniżżla fil-Paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jipprevalu fuq id-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu għall-Artikoli elenkati fil-Parti B, punt (b) tal-Annessi għal dan il-Ftehim, fir-rigward taċ-ċaħda, ir-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni tal-liċenzji jew il-permessi ta' trasportatur tal-ajru.

2. Kull Stat Membru kkonċernat jista' jiċħad, jirrevoka, jissospendi jew jillimita l-liċenzji jew il-permessi ta' trasportatur tal-ajru magħżul minn Stat Membru tal-Parti l-oħra meta tkun sodisfatta waħda mill-kondizzjonjiet li ġejjin:

(a) Fil-każ ta' trasportatur tal-ajru magħżul minn Stat Membru tal-KE:

i. it-trasportatur tal-ajru ma jkunx stabbilit skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea fuq it-territorju tal-Istat Membru tal-KE li jagħmel l-għażla jew m'għandux Liċenzja Operattiva valida skont il-liġi tal-Komunità Ewropea; jew

ii. il-kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur tal-ajru ma jkunx eżerċitat jew ma jkunx żgurat mill-Istat Membru tal-KE responsabbli mill-ħruġ taċ-Ċertifikat tal-Operaturi tal-Ajru tiegħu jew l-awtoritá aeronawtika kompetenti ma tkunx identifikata b'mod ċar fl-għażla.

(b) Fil-każ ta' trasportatur tal-ajru magħżul minn Stat Membru tal-WAEMU:

i. it-trasportatur tal-ajru ma jkunx stabbilit fit-territorju tal-Istat Membru tal-WAEMU li għamel l-għażla jew ma jkollux approvazzjoni valida ta' trasportatur tal-ajru skont il-leġislazzjoni tal-WAEMU; jew

ii. il-kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur tal-ajru ma jkunx eżerċitat jew ma jkunx żgurat mill-Istat Membru tal-KE responsabbli mill-ħruġ tal-Liċenzja Operattiva tal-Ajru skont l-Annessi rilevanti (b'mod partikolari l-Anness 1, 6 u 8) tal-Konvenzjoni ta' Chicago, u l-awtoritá aeronawtika kompetenti ma tkunx identifikata b'mod ċar fl-għażla; u

iii. Jew:

a. it-trasportatur tal-ajru ma jkunx il-proprjetà jew effettivament ikkontrollat, direttament jew permezz ta' maġġoranza tal-ishma, mill-Istati Membri tal-WAEMU u/jew miċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-WAEMU, jew minn Stati Afrikani oħrajn u/jew iċ-ċittadini ta' dawn l-Istati Afrikani l-oħrajn, jew

b. is-servizzi mħaddma mit-trasportatur tal-ajru ċċertifikat skont il-leġislazzjoni komunitarja tal-WAEMU m'għandhomx jitilqu prinċiparjament minn jew jaslu f'ajruport jew ajruporti ta' Stat Membru tal-WAEMU u l-persunal tekniku operattiv u tal-ġestjoni tiegħu mhuwiex magħmul fil-parti l-kbira minn ċittadini tal-Istati Membri tal-WAEMU.

3. Meta jeżerċita d-drittijiet tiegħu skont dan l-Artikolu, l-Istat Membru kkonċernat m'għandux jagħmel diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità bejn it-trasportaturi tal-ajru tal-Parti l-oħra.

Artikolu 4

Drittijiet rigward il-kontroll regolatorju effettiv

1. Id-dispożizzjonijiet imniżżla fil-Paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplementaw l-Artikoli elenkati fil-Parti B, punt (c) tal-annessi għal dan il-Ftehim.

2. Meta Stat Membru tal-KE jkun għażel trasportatur tal-ajru li l-kontroll regolatorju effettiv tiegħu jkun eżerċitat u miżmum minn Stat Membru tal-KE ieħor, id-drittijiet tal-Istat Membru tal-WAEMU kkonċernat fil-qafas tad-dispożizzjonijiet tas-sikurezza tal-ftehim bejn l-Istat Membru tal-KE li għażel t-trasportatur tal-ajru u l-Istat Membru tal-WAEMU kkonċernat għandhom japplikaw b'mod ugwali fir-rigward tal-adozzjoni, l-eżerċizzju jew iż-żamma tal-istandards tas-sikurezza minn dak l-Istat Membru tal-KE l-ieħor u fir-rigward tal-liċenzja operattiva ta' dak it-trasportatur tal-ajru.

3. Meta Stat Membru tal-WAEMU jkun għażel trasportatur tal-ajru li l-kontroll regolatorju effettiv tiegħu jkun eżerċitat u żgurat minn Stat Membru tal-WAEMU ieħor, id-drittijiet tal-Istat Membru tal-KE kkonċernat fil-qafas tad-dispożizzjonijiet tas-sikurezza tal-ftehim bejn l-Istat Membru tal-WAEMU li għażel it-trasportatur tal-ajru u l-Istat Membru tal-KE kkonċernat għandhom japplikaw b'mod ugwali fir-rigward tal-adozzjoni, l-eżerċizzju jew iż-żamma tal-istandards tas-sikurezza minn dak l-Istat Membru tal-WAEMU l-ieħor u fir-rigward tal-Liċenzja Operattiva ta' dak it-trasportatur tal-ajru.

4. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet jaqblu li l-kontroll regolatorju effettiv jimplika tal-anqas li l-Istat Membru li jkun ħareġ il-Liċenzja Operattiva jew l-approvazzjoni jiżgura b'mod effettiv u kontinwu l-programmi ta' sorveljanza tas-sikurezza u tas-sigurtà tal-ajru billi, tal-anqas, japplika l-istandards tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO), u jiżguraw li t-trasportatur tal-ajru jikkonforma mal-kriterji stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti tal-operat tas-servizzi tal-ajru internazzjonali u jopera f'konformità mal-istandards applikabbli kollha tal-ICAO.

Artikolu 5

Tassazzjoni tal-karburant tal-ajruplani

1. Id-dispożizzjonijiet imniżżlin fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-Artikoli elenkati fil-Parti B, punt (d) tal-Annessi għal dan il-Ftehim.

2. Minkejja kull dispożizzjoni oħra kuntrarju għal dan, xejn f'kull wieħed mill-ftehimiet bilaterali elenkati fil-Parti B, punt (d) tal-Annessi għal dan il-Ftehim m'għandu jwaqqaf lil Stat Membru tal-KE milli jimponi taxxi, imposti, dazji, miżati jew tariffi fuq il-karburant ipprovdut fuq it-territorju tiegħu għall-użu f'tagħmir ta' trasportatur magħżul minn Stat Membru tal-WAEMU li jopera bejn xi punt fit-territorju ta' dan l-Istat Membru tal-KE u xi punt ieħor fit-territorju ta' Stat Membru tal-KE ieħor.

3. Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra għall-kuntrarju, xejn f'kull wieħed mill-ftehimiet bilaterali elenkati fil-Parti B, punt (d) tal-Annessi għal dan il-Ftehim m'għandu jwaqqaf lil Stat Membru tal-WAEMU milli jimponi taxxi, imposti, dazji, miżati jew tariffi fuq il-karburant ipprovdut fuq it-territorju tiegħu għall-użu f'tagħmir ta' trasportatur magħżul minn Stat Membru tal-UE li jopera bejn xi punt f'territorju ta' dan l-Istat Membru tal-WAEMU u xi punt ieħor fit-territorju ta' Stat Membru tal-WAEMU ieħor.

4. Jekk jitfassal pjan għall-introduzzjoni ta' taxxa tal-karburant skont dan l-Artikolu, il-Partijiet jaqblu li jiltaqgħu mingħajr dewmien biex jiddiskutu din il-kwistjoni.

Artikolu 6

Kompatibbiltà mar-regoli tal-kompetizzjoni

1. Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra kuntrarju għal dan, xejn f'kull wieħed mill-ftehimiet bilaterali elenkati fil-Parti B tal-Annessi għal dan il-Ftehim m'għandu:

(i) jiffavorixxi l-adozzjoni ta' akkordji bejn l-impriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi jew prattiki kkonċertati li jostakolaw, jgħawġu jew jirrestriġġu l-kompetizzjoni;

(ii) isaħħaħ l-effetti ta' kwalunkwe akkordju, deċiżjoni jew prattika kkonċertata bħal dan; jew

(iii) jiddelega lill-operaturi ekonomiċi privati r-responsabbiltà għat-teħid ta' miżuri li jostakolaw, jgħawġu jew jirrestriġġu l-kompetizzjoni.

2. Id-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-ftehimiet bilaterali elenkati fil-Parti B tal-Annessi għal dan il-Ftehim li mhumiex kompatibbli mal-Paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, m'għandhomx jiġu applikati.

Artikolu 7

Annessi għal dan il-Ftehim

L-Annessi għal dan il-Ftehim għandhom jiffurmaw parti integrali minn dan il-Ftehim.

Artikolu 8

Emenda

1. Kull waħda mill-Partijiet tista' fi kwalunkwe ħin, titlob konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra għall-finijiet li jiġi emendat dan il-Ftehim. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom jibdew fi żmien sittin (60) jum mill-jum li fiha tasal it-talba.

2. Kwalunkwe emenda li ssir b'dan il-mod għandha tidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bil-miktub li l-proċeduri interni rispettivi tagħhom meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu jkunu ġew ikkompletati.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni provviżorja

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data fi fiha jaslu l-aħħar żewġ notifiki mibgħuta mill-Partijiet biex jinfurmaw lil xulxin bil-miktub li l-proċeduri interni rispettivi tagħhom meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu ikunu ġew ikkompletati.

2. Minkejja l-Paragrafu 1, il-Partijiet jaqblu li japplikaw dan il-Ftehim b'mod provviżoru mill-ewwel jum tax-xahar li jiġi wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bl-ikkompletar tal-proċeduri meħtieġa.

3. Il-ftehimiet bilaterali u l-arranġamenti l-oħrajn bejn l-Istati Membri tal-KE u dawk tal-WAEMU li, fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, ikunu għadhom ma daħlux fis-seħħ u li jkun għadhom mhux qed jiġu applikati b'mod provviżorju huma elenkati fil-Parti A, punt (b) tal-Annessi għal dan il-Ftehim. Dan il-Ftehim għandu japplika għal dawn il-Ftehimiet bilaterali u l-arranġamenti kollha mad-dħul fis-seħħ jew mal-applikazzjoni b'mod provviżorju tagħhom.

Artikolu 10

Terminazzjoni

1. F'każ li wieħed mill-ftehimiet bilaterali elenkati fil-Parti A tal-Annessi għal dan il-Ftehim jiġi tterminat, id-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-Ftehim li huma relatati mal-ftehim ikkonċernat elenkati fl-Anness I għandhom jiġu tterminati fl-istess ħin.

2. F'każ li l-ftehimiet bilaterali kollha elenkati fil-Parti A tal-Annessi għal dan il-Ftehim jiġu tterminati, dan il-Ftehim għandu jiġi tterminat fl-istess ħin.

B'XHIEDA TA' DAN, il-firmatarji, debitament awtorizzati, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul duplikatament fi Brussell, fit-tletin jum ta' Novembru 2009, bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża, Taljana, Ungeriża, bit-testi kollha jkunu awtentiċi. F'każ ta' interpretazzjoni diverġenti, it-test Franċiż għandu jipprevali.

За Европейската общност
Por la Comunidad Europea
Za Evropské společenství
For Det Europæiske Fællesskab
Für die Europäische Gemeinschaft
Euroopa Ühenduse nimel
Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα
For the European Community
Pour la Communauté européenne
Per la Comunità europea
Eiropas Kopienas vārdā
Europos bendrijos vardu
az Európai Közösség részéről
Ghall-Komunità Ewropea
Voor de Europese Gemeenschap
W imieniu Wspólnoty Europejskiej
Pela Comunidade Europeia
Pentru Comunitatea Europeană
Za Európske spoločenstvo
za Evropsko skupnost
Euroopan yhteisön puolesta
För Europeiska gemenskapen



За Западноафриканския икономически и валутен съюз
Por la Unión Económica y Monetaria del África Occidental
Za Západoafrickou hospodářskou a měnovou unii
For den Vestafrikanske Økonomiske og Monetære Union
Für die Westafrikanische Wirtschafts- und Währungsunion
Lääne-Aafrika majandus- ja rahaliidu nimel
Για τη Δυτικοαφρικανική Οικονομική και Νομισματική Ένωση
For the West African Economic and Monetary Union
Pour l'Union économique et monétaire Ouest-africaine
Per l'Unione economica e monetaria dell'Africa occidentale
Rietumāfrikas Ekonomiskās un monetārās savienības vārdā
Vakarų Afrikos Ekonominės ir pinigų sajungos vardu
A Nyugat-afrikai Gazdasági és Monetáris Unió részéről
Ghall-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Afrika tal-Punent
Voor de West-Afrikaanse Economische en Montaire Unie
W imieniu Unii Gospodarczej i Walutowej Afryki Zachodniej
Pela União Económica e Monetária da África Ocidental
Pentru Uniunea Economică și Monetară a Africii de Vest
Za Západoafrickú hospodársku a menovú úniu
Za Ekonomsko in monetarno unijo Zahodne Afrike
Länsi-Afrikan talous- ja rahaliiton puolesta
För Västafrikanska ekonomiska och monetära unionen



ANNESS I

BENIN

PARTI A

Lista tal-ftehimiet imsemmijin fl-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim

(a) Ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn ir-Repubblika Popolari tal-Benin u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea, li, fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, kienu ġew konklużi, iffirmati u/jew qed jiġu applikati b'mod provviżorju:

— Ftehim bejn ir-Renju tal-Belġju u r-Repubblika ta' Dahomey dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat fi Brussell fil-15 ta' Frar 1971, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Benin - Belġju" fil-Parti B,

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Popolari tal-Bulgarija u l-Gvern tar-Repubblika Popolari tal-Benin dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Sofia fis-16 ta' Settembru 1982, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Benin - Bulgarija" fil-Parti B,

— Ftehim bejn ir-Repubblika ta' Franza u r-Repubblika ta' Dahomey dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Pariġi fid-9 ta' Diċembru 1963, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Benin - Franza" fil-Parti B,

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Popolari tal-Polonja u l-Gvern tar-Repubblika Popolari tal-Benin dwar it-Trasport bl-Ajru Ċivili, iffirmat f'Cotonou fit-13 ta' Mejju 1988, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Benin - Polonja" fil-Parti B.

(b) Ftehimiet dwar is-servizzi tal-ajru u arranġamenti oħrajn inizjalati jew iffirmati bejn ir-Repubblika tal-Benin u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea li, fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, kienu għadhom ma daħlux fis-seħħ u mhux qed jiġu applikati b'mod provviżorju:

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq u l-Gvern tar-Repubblika Popolari tal-Benin, iffirmat f'Londra fis-16 ta' Settembru 1999, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Abbozz tal-Ftehim Benin - Renju Unit" fil-Parti B.

PARTI B

Lista tal-Artikoli tal-ftehimiet elenkati fil-Parti A u msemmijin fl-Artikoli 2 sa 5 ta' dan il-Ftehim

(a) Għażla minn Stat Membru

L-Artikolu 10 tal-Ftehim Benin - Belġju

L-Artikolu 3 tal-Ftehim Benin - Bulgarija

L-Artikolu 13 tal-Ftehim Benin - Franza

L-Artikolu 9 tal-Ftehim Benin - Polonja

L-Artikolu 4 tal-Abbozz tal-Ftehim Benin - Renju Unit

(b) Ċaħda, revoka, sospensjoni jew limitazzjoni tal-liċenzji u l-permessi

L-Artikolu 11 tal-Ftehim Benin - Belġju

L-Artikolu 4 tal-Ftehim Benin - Bulgarija

L-Artikolu 6 tal-Ftehim Benin - Franza

L-Artikolu 10 tal-Ftehim Benin - Polonja

L-Artikoli 4 u 5 tal-Abbozz tal-Ftehim Benin - Renju Unit

(c) Kontroll regolatorju

L-Artikolu 10 tal-Ftehim Benin - Belġju
L-Artikolu 3 tal-Ftehim Benin - Bulgarija
L-Artikolu 11 tal-Ftehim Benin - Franza
L-Artikolu 9 tal-Ftehim Benin - Polonja
L-Artikolu 14 tal-Abbozz tal-Ftehim Benin - Renju Unit

(d) Tassazzjoni tal-karburant tal-ajruplani

L-Artikolu 3 tal-Ftehim Benin - Belġju
L-Artikolu 10 tal-Ftehim Benin - Bulgarija
L-Artikolu 3 tal-Ftehim Benin - Franza
L-Artikolu 3 tal-Ftehim Benin - Polonja
L-Artikolu 8 tal-Abbozz tal-Ftehim Benin - Renju Unit

ANNESS II

BURKINA FASO

PARTI A

Lista tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim

(a) Ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn Burkina Faso u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea, li, fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, kienu ġew konklużi, iffirmati u/jew qed jiġu applikati b'mod provviżorju:

— Ftehim bejn ir-Renju tal-Belġju u r-Repubblika ta' Upper Volta dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat fi Brussell fil-15 ta' Frar 1984, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Burkina Faso - Belġju" fil-Parti B.

— Ftehim bejn ir-Repubblika ta' Franza u r-Repubblika ta' Upper Volta, dwar it-Trasport tal-Ajru, iffirmat f'Pariġi fid-29 ta' Mejju 1962, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Burkina Faso - Franza" fil-Parti B.

(b) Ftehimiet dwar is-servizzi tal-ajru u arranġamenti oħrajn inizjalati jew iffirmati bejn Burkina Faso u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea li, fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, kienu għadhom ma daħlux fis-seħħ u mhux qed jiġu applikati b'mod provviżorju.

PARTI B

Lista tal-Artikoli tal-ftehimiet elenkati fil-Parti A u msemmijin fl-Artikoli 2 sa 5 ta' dan il-Ftehim

(a) Għażla minn Stat Membru

L-Artikolu 9 tal-Ftehim Burkina Faso - Belġju

L-Artikolu 13 tal-Ftehim Burkina Faso - Franza

(b) Ċaħda, revoka, sospensjoni jew limitazzjoni ta' liċenzji jew permessi:

L-Artikolu 10 tal-Ftehim Burkina Faso - Belġju

L-Artikolu 6 tal-Ftehim Burkina Faso - Franza

(c) Kontroll regolatorju

L-Artikolu 9 tal-Ftehim Burkina Faso - Belġju

L-Artikolu 11 tal-Ftehim Burkina Faso - Franza

(d) Tassazzjoni tal-karburant tal-ajruplani

L-Artikolu 2 tal-Ftehim Burkina Faso - Belġju

L-Artikolu 3 tal-Ftehim Burkina Faso - Franza

ANNEX III

GUINEA BISSAW

PARTI A

Lista tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim

(a) Ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn ir-Repubblika tal-Guinea Bissaw u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea, li, fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, kienu ġew konklużi, iffirmati u/jew qed jiġu applikati b'mod provviżorju:

— Ftehim bejn ir-Repubblika Portugiża u r-Repubblika tal-Guinea Bissaw dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Lisbona fit-30 ta' Awwissu 2007, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Guinea Bissaw - Portugall" fil-Parti B.

(b) Ftehimiet dwar is-servizzi tal-ajru u arranġamenti oħrajn inizjalati jew iffirmati bejn ir-Repubblika tal-Guinea Bissaw u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea li, fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, kienu għadhom ma daħlux fis-seħħ u mhux qed jiġu applikati b'mod provviżorju.

PARTI B

Lista tal-artikoli tal-ftehimiet elenkati fil-Parti A u msemmijin fl-Artikoli 2 sa 5 ta' dan il-Ftehim

(a) Għażla minn Stat Membru

L-Artikolu 3 tal-Ftehim Guinea Bissaw - Portugall

(b) Ċaħda, revoka, sospensjoni jew limitazzjoni ta' liċenzji jew permessi

L-Artikolu 4 tal-Ftehim Guinea Bissaw - Portugall

(c) Kontroll regolatorju

L-Artikolu 15 tal-Ftehim Guinea Bissaw - Portugall

(d) Tassazzjoni tal-karburant tal-ajruplani

L-Artikolu 6 tal-Ftehim Guinea Bissaw - Portugall

ANNESS IV

CÔTE D'IVOIRE

PARTI A

Lista tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim

(a) Ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn ir-Repubblika tal-Côte d'Ivoire u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea, li, fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, kienu ġew konklużi, iffirmati u/jew qed jiġu applikati b'mod provviżorju.

— Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika tal-Côte d'Ivoire, iffirmat f'Bonn fit-3 ta' Ottubru 1978, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Côte d'Ivoire - Ġermanja" fil-Parti B,

— Ftehim bejn ir-Renju tal-Belġju u l-Gvern tar-Repubblika tal-Côte d'Ivoire dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Abidjan fil-21 ta' Settembru 1963, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Côte d'Ivoire - Belġju" fil-Parti B,

Emendat l-aħħar mill-Memorandum ta' Ftehim magħmul f'Abidjan fil-31 ta' Awwissu 2002,

— Ftehim bejn ir-Renju tad-Danimarka u r-Repubblika tal-Côte d'Ivoire dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Abidjan fis-7 ta' Ġunju 1966, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Côte d'Ivoire - Danimarka" fil-Parti B,

— Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Côte d'Ivoire u r-Renju ta' Spanja dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Madrid fil-15 ta' Lulju 1976, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Côte d'Ivoire – Spanja" fil-Parti B,

Emendat l-aħħar mill-Memorandum ta' Ftehim magħmul f'Madrid fis-17 ta' Mejju 1994,

— Ftehim bejn ir-Repubblika ta' Franza u r-Repubblika tal-Côte d'Ivoire dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Abidjan fid-19 ta' Ottubru 1962, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Côte d'Ivoire - Franza" fil-Parti B,

— Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Côte d'Ivoire u r-Repubblika Taljana dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Abidjan fid-19 ta' Frar 1968, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Côte d'Ivoire – Italja" fil-Parti B,

— Ftehim bejn ir-Renju tal-Olanda u r-Repubblika tal-Côte d'Ivoire dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Abidjan fid-9 ta' Ottubru 1963, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Côte d'Ivoire - Olanda" fil-Parti B,

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Popolari tal-Polonja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Côte d'Ivoire dwar it-Trasport bl-Ajru Ċivili, iffirmat f'Abidjan fit-13 ta' Lulju 1984, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Côte d'Ivoire - Polonja" fil-Parti B,

— Ftehim bejn ir-Repubblika Popolari tal-Côte d'Ivoire u r-Repubblika tal-Portugall, dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Liżbona fis-16 ta' Settembru 1987, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Côte d'Ivoire - Portugall" fil-Parti B,

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tar-Rumanija u l-Gvern tar-Repubblika tal-Côte d'Ivoire dwar it-Trasport bl-Ajru Ċivili, iffirmat f'Abidjan fil-25 ta' Mejju 1979, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Côte d'Ivoire - Rumanija" fil-Parti B,

— Ftehim bejn ir-Renju tal-Iżvezja u r-Repubblika tal-Côte d'Ivoire dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Abidjan fis-7 ta' Ġunju 1966, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Côte d'Ivoire - Żvezja" fil-Parti B,

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Gvern tar-Repubblika tal-Côte d'Ivoire dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Londra fl-1 ta' Diċembru 1976, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Côte d'Ivoire - Renju Unit" fil-Parti B,

(b) Ftehimiet dwar is-servizzi tal-ajru u arranġamenti oħra inizjalati jew iffirmati bejn ir-Repubblika tal-Côte d'Ivoire u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea li, fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, għadhom ma daħlux fis-seħħ u mhux qed jiġu applikati b'mod provviżorju:

— Ftehim bejn ir-Renju tal-Belġju u l-Gvern tar-Repubblika tal-Côte d'Ivoire dwar it-trasport bl-Ajru, inizjalat fi Brussell fl-14 ta' Jannar 2009, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Abbozz tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Belġju" fil-Parti B,

— Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Côte d'Ivoire u r-Repubblika tal-Portugall dwar it-Trasport bl-Ajru, inizjalat f'Liżbona fis-12 ta' Lulju 1990, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Côte d'Ivoire - Portugall" fil-Parti B.

PARTI B

Lista tal-Artikoli tal-ftehimiet elenkati fil-Parti A u msemmijin fl-Artikoli 2 sa 5 ta' dan il-Ftehim

(a) Ġħażla minn Stat Membru

L-Artikolu 3 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Ġermanja
L-Artikolu 10 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Belġju
L-Artikolu 4 tal-Abbozz tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Belġju
L-Artikolu 10 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Danimarka
L-Artikolu 10 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Spanja
L-Artikolu 11 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Franza
L-Artikolu 10 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Italja
L-Artikolu 10 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Olanda
L-Artikolu IX tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Polonja
L-Artikolu 6 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Portugall
L-Artikolu 8 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Rumanija
L-Artikolu 10 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Żvezja
L-Artikolu 10 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Renju Unit

(b) Ċaħda, revoka, sospensjoni jew limitazzjoni ta' liċenzji jew permessi

L-Artikolu 4, il-paragrafu 1, is-sentenzi 1 u 2, tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Ġermanja
L-Artikolu 11 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Belġju
L-Artikolu 5 tal-Abbozz tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Belġju
L-Artikolu 11 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Danimarka
L-Artikolu 11 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Spanja
L-Artikolu 12 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Franza
L-Artikolu 11 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Italja
L-Artikolu 11 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Olanda
L-Artikolu X tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Polonja
L-Artikolu 21 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Portugall
L-Artikolu 9 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Rumanija
L-Artikolu 11 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Żvezja
L-Artikolu 11 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Renju Unit

(c) Kontroll regolatorju

L-Artikolu 4 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Belġju
L-Artikolu 7 tal-Abbozz tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Belġju
L-Artikolu 10 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Danimarka
L-Artikolu 10 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Spanja
L-Artikolu 11 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Franza
L-Artikolu 10 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Italja
L-Artikolu 10 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Olanda
L-Artikolu IX tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Polonja
L-Artikolu 6 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Portugall
L-Artikolu 8 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Rumanija
L-Artikolu 10 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Żvezja
L-Artikolu 14 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Renju Unit

(d) Tassazzjoni tal-karburant tal-ajruplani

L-Artikolu 6 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Ġermanja
L-Artikolu 3 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Belġju
L-Artikolu 11 tal-Abbozz tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Belġju
L-Artikolu 3 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Danimarka
L-Artikolu 3 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Spanja
L-Artikolu 3 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Franza
L-Artikolu 3 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Italja
L-Artikolu 3 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Olanda
L-Artikolu III tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Polonja
L-Artikolu 5 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Portugall
L-Artikolu 2 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Rumanija
L-Artikolu 3 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Żvezja
L-Artikolu 3 tal-Ftehim Côte d'Ivoire - Renju Unit

ANNESS V

MALI

PARTI A

Lista tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim

(a) Ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn ir-Repubblika ta' Mali u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea, li, fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, kienu ġew konklużi, iffirmati u/jew qed jiġu applikati b'mod provvižorju.

— Ftehim bejn ir-Renju tal-Belġju u r-Repubblika ta' Mali dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat fi Brussell fid-9 ta' Mejju 1985, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Mali - Belġju" fil-Parti B,

Emendat l-aħħar mill-Memorandum ta' Ftehim magħmul fi Brussell fil-11 ta' April 2002,

— Ftehim bejn ir-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja u r-Repubblika ta' Mali dwar is-servizzi tal-ajru, iffirmat fi Praga fis-27 ta' Novembru 1961, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Mali - Ċekoslovakkja" fil-Parti B,

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju ta' Spanja u l-Gvern tar-Repubblika ta' Mali dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Madrid fil-5 ta' Novembru 1990, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Mali - Spanja" fil-Parti B,

— Ftehim bejn ir-Repubblika ta' Franza u r-Repubblika ta' Mali dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Pariġi fil-5 ta' Awwissu 1961, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Mali - Franza" fil-Parti B,

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tar-Rumanija u l-Gvern tar-Repubblika ta' Mali fil-Parti B it-Trasport bl-Ajru Ċivili, iffirmat f'Bukarest fil-21 ta' Ġunju 1983, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Mali - Rumanija" fil-Parti B,

(b) Ftehimiet dwar is-servizzi tal-ajru u arranġamenti oħrajn inizjalati jew iffirmati bejn ir-Repubblika ta' Mali u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea li, fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, kienu għadhom ma daħlux fis-seħħ u mhux qed jiġu applikati b'mod provvižorju.

PARTI B

Lista tal-Artikoli tal-ftehimiet elenkati fil-Parti A u msemmija fl-Artikoli 2 sa 5 ta' dan il-Ftehim

(a) Għażla minn Stat Membru

L-Artikolu 6 tal-Ftehim Mali - Belġju
L-Artikolu 2 tal-Ftehim Mali - Ċekoslovakkja
L-Artikolu 6 tal-Ftehim Mali - Spanja
L-Artikolu 14 tal-Ftehim Mali - Franza
L-Artikolu 3 tal-Ftehim Mali - Rumanija

(b) Ċaħda, revoka, sospensjoni jew limitazzjoni ta' liċenzji jew permessi

L-Artikolu 7 tal-Ftehim Mali - Belġju
L-Artikolu 2 tal-Ftehim Mali - Ċekoslovakkja
L-Artikoli 6 u 7 tal-Ftehim Mali - Spanja
L-Artikolu 7 tal-Ftehim Mali - Franza
L-Artikolu 6 tal-Ftehim Mali - Rumanija

(c) Kontroll regolatorju

L-Artikolu 5 tal-Ftehim Mali - Belġju
L-Artikolu 2 tal-Ftehim Mali - Ċekoslovakkja
L-Artikolu 5 tal-Ftehim Mali - Spanja
L-Artikolu 14 tal-Ftehim Mali - Franza
L-Artikolu 3 tal-Ftehim Mali - Rumanija

(d) Tassazzjoni tal-karburant tal-ajruplani

L-Artikolu 9 tal-Ftehim Mali - Belġju
L-Artikolu 4 tal-Ftehim Mali - Ċekoslovakkja
L-Artikolu 9 tal-Ftehim Mali - Spanja
L-Artikolu 3 tal-Ftehim Mali - Franza
L-Artikolu 8 tal-Ftehim Mali - Rumanija

ANNESS VI

NIĠER

PARTI A

Lista tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim

(a) Ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn ir-Repubblika tan-Niġer u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea, li, fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, kienu ġew konklużi, iffirmati u/jew qed jiġu applikati b'mod provviżorju:

— Ftehim bejn ir-Renju tal-Belġju u r-Repubblika tan-Niġer dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Niamey fid-19 ta' Awwissu 1963, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Niġer - Belġju" fil-Parti B,

— Ftehim bejn ir-Repubblika ta' Franza u r-Repubblika tan-Niġer dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Pariġi fit-28 ta' Mejju 1962, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Niġer - Franza" fil-Parti B,

(b) Ftehimiet dwar is-servizzi tal-ajru u arranġamenti oħrajn inizjalati jew iffirmati bejn ir-Repubblika tan-Niġer u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea li, fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, għadhom ma daħlux fis-seħħ u mhux qed jiġu applikati b'mod provviżorju.

PARTI B

Lista tal-Artikoli tal-ftehimiet elenkati fil-Parti A u msemmijin fl-Artikoli 2 sa 5 ta' dan il-Ftehim

(a) Għażla minn Stat Membru

L-Artikolu 10 tal-Ftehim Niġer - Belġju

L-Artikolu 13 tal-Ftehim Niġer - Franza

(b) Ċaħda, revoka, sospensjoni jew limitazzjoni ta' liċenzji jew permessi

L-Artikolu 11 tal-Ftehim Niġer - Belġju

L-Artikolu 6 tal-Ftehim Niġer - Franza

(c) Kontroll regolatorju

L-Artikolu 10 tal-Ftehim Niġer - Belġju

L-Artikolu 11 tal-Ftehim Niġer - Franza

(d) Tassazzjoni tal-karburant tal-ajruplani

L-Artikolu 3 tal-Ftehim Niġer - Belġju

L-Artikolu 3 tal-Ftehim Niġer - Franza

ANNESS VII

SENEGAL

PARTI A

Lista tal-ftehimiet msemmijin fl-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim

(a) Ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn ir-Repubblika tas-Senegal u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea, li, fid-data tal-iffirmar ta' dan il-ftehim, kienu ġew konklużi, iffirmati u/jew qed jiġu applikati b'mod provvižorju:

— Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika tas-Senegal, iffirmat f'Bonn fid-29 ta' Ottubru 1964, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Senegal - Ġermanja" fil-Parti B,

— Ftehim bejn ir-Repubblika Federali tal-Awstrija u l-Gvern tar-Repubblika tas-Senegal dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Dakar fl-4 ta' Frar 1987, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Senegal - Awstrija" fil-Parti B,

— Ftehim bejn ir-Renju tal-Belġju u r-Repubblika tas-Senegal dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Dakar fil-25 ta' Novembru 1966, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Senegal - Belġju" fil-Parti B,

Emendat l-aħħar mill-Memorandum ta' Ftehim magħmul f'Dakar fl-4 ta' Ġunju 2002,

— Ftehim bejn ir-Repubblika Popolari tal-Bulgarija u r-Repubblika tas-Senegal dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Sofia fil-21 ta' Ottubru 1969, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Senegal -Bulgarija" fil-Parti B,

— Ftehim bejn ir-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja u r-Repubblika tas-Senegal dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat fi Praga fl-20 ta' Ġunju 1962, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Senegal - Ċekoslovakkja" fil-Parti B,

— Ftehim bejn ir-Repubblika tas-Senegal u r-Renju ta' Spanja dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Dakar fis-26 ta' Ġunju 1968, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Senegal - Spanja" fil-Parti B,

Emendat l-aħħar mill-Memorandum ta' Ftehim magħmul f'Dakar fit-22 ta' Frar 2006,

— Ftehim bejn ir-Repubblika ta' Franza u r-Repubblika tas-Senegal dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Pariġi fis-16 ta' Settembru 1974, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Senegal - Franza"' fil-Parti B,

— Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Italja u r-Repubblika tas-Senegal dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Ruma fl-20 ta' April 1972, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Senegal - Italja" fil-Parti B,

Emendat l-aħħar mill-Memorandum ta' Ftehim magħmul f'Ruma fil-21 ta' Lulju 2004,

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju tal-Olanda u l-Gvern tar-Repubblika tas-Senegal dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Dakar fis-27 ta' Lulju 1977, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Senegal - Olanda" fil-Parti B,

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Popolari tal-Polonja u l-Gvern tar-Repubblika tas-Senegal dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Dakar fl-1 ta' Awwissu 1969, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Senegal - Polonja"' fil-Parti B,

— Ftehim bejn il-Gvern tal-Portugall u l-Gvern tar-Repubblika tas-Senegal dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Liżbona fil-21 ta' Frar 1977, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Senegal - Portugall" fil-Parti B,

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tar-Rumanija u l-Gvern tar-Repubblika tas-Senegal dwar is-Servizzi bl-Ajru, iffirmat f'Dakar fil-25 ta' Frar 1977, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Senegal - Rumanija" fil-Parti B,

(b) Ftehimiet dwar is-servizzi tal-ajru u arranġamenti oħra inizjalati jew iffirmati bejn ir-Repubblika tas-Senegal u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea li, fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, kienu għadhom ma daħlux fis-seħħ u mhux qed jiġu applikati b'mod provvižorju:

— Ftehim tal-ajru bejn il-Gvern tas-Senegal u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar, iffirmat f'Dakar fil-21 ta' Ġunju 2006, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Abbozz tal-Ftehim Senegal - Spanja" fil-Parti B,

PARTI B

Lista tal-Artikoli tal-ftehimiet elenkati fil-Parti B u msemmijin fl-Artikoli 2 sa 5 ta' dan il-Ftehim

(a) Għażla minn Stat Membru

L-Artikolu 14 tal-Ftehim Senegal - Ġermanja
L-Artikolu 8 tal-Ftehim Senegal - Awstrija
L-Artikolu 10 tal-Ftehim Senegal - Belġju
L-Artikolu 12 tal-Ftehim Senegal - Bulgarija
L-Artikolu 10 tal-Ftehim Senegal - Ċekoslovakkja
L-Artikolu 11 tal-Ftehim Senegal - Franza
L-Artikolu 5 tal-Ftehim Senegal - Italja
L-Artikolu 7 tal-Ftehim Senegal - Olanda
L-Artikolu 3 tal-Ftehim Senegal - Polonja
L-Artikolu VIII tal-Ftehim Senegal - Portugall
L-Artikolu 8 tal-Ftehim Senegal - Rumanija
L-Artikolu 3 tal-Ftehim Senegal - Spanja
L-Artikolu 4 tal-Abbozz tal-Ftehim Senegal - Renju Unit

(b) Ċaħda, revoka, sospensjoni jew limitazzjoni ta' liċenzji jew permessi

L-Artikolu 7 tal-Ftehim Senegal - Ġermanja
L-Artikoli 8 u 9 tal-Ftehim Senegal - Awstrija
L-Artikolu 11 tal-Ftehim Senegal - Belġju
L-Artikolu 13 tal-Ftehim Senegal - Bulgarija
L-Artikolu 5 tal-Ftehim Senegal - Ċekoslovakkja
L-Artikolu 6 tal-Ftehim Senegal - Franza
L-Artikolu 6 tal-Ftehim Senegal - Italja
L-Artikolu 9 tal-Ftehim Senegal - Olanda
L-Artikolu 3 tal-Ftehim Senegal - Polonja
L-Artikolu X tal-Ftehim Senegal - Portugall
L-Artikolu 9 tal-Ftehim Senegal - Rumanija
L-Artikolu 4 tal-Ftehim Senegal - Spanja
L-Artikolu 5 tal-Abbozz tal-Ftehim Senegal - Renju Unit

(c) Kontroll regolatorju

L-Artikolu 8 tal-Ftehim Senegal - Awstrija
L-Artikolu 4 tal-Ftehim Senegal - Belġju
L-Artikolu 12 tal-Ftehim Senegal - Bulgarija
L-Artikolu 10 tal-Ftehim Senegal - Ċekoslovakkja
L-Artikolu 11 tal-Ftehim Senegal - Franza
L-Artikolu 4 tal-Ftehim Senegal - Italja
L-Artikolu 7 tal-Ftehim Senegal - Olanda
L-Artikolu 3 tal-Ftehim Senegal - Polonja
L-Artikolu VIII tal-Ftehim Senegal - Portugall
L-Artikolu 8 tal-Ftehim Senegal - Rumanija
L-Anness VI tal-Memorandum tal-Ftehim Senegal - Spanja
L-Artikolu 14 tal-Abbozz tal-Ftehim Senegal - Renju Unit

(d) Tassazzjoni tal-karburant tal-ajruplani

L-Artikolu 3 tal-Ftehim Senegal - Ġermanja
L-Artikolu 5 tal-Ftehim Senegal - Awstrija
L-Artikolu 3 tal-Ftehim Senegal - Belġju
L-Artikolu 3 tal-Ftehim Senegal - Bulgarija
L-Artikolu 3 tal-Ftehim Senegal - Ċekoslovakkja
L-Artikolu 3 tal-Ftehim Senegal - Franza
L-Artikolu 3 tal-Ftehim Senegal - Italja
L-Artikolu 5 tal-Ftehim Senegal - Olanda
L-Artikolu 8 tal-Ftehim Senegal - Polonja
L-Artikolu V tal-Ftehim Senegal - Portugall
L-Artikolu 5 tal-Ftehim Senegal - Rumanija
L-Artikolu 5 tal-Ftehim Senegal - Spanja
L-Artikolu 8 tal-Abbozz tal-Ftehim Senegal - Renju Unit

ANNESS VIII

TOGO

PARTI A

Lista tal-ftehimiet msemmijin fl-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim

(a) Ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn ir-Repubblika tat-Togo u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea, li, fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, kienu ġew konklużi, iffirmati u/jew qed jiġu applikati b'mod provviżorju:

— Ftehim bejn ir-Renju tal-Belġju u r-Repubblika tat-Togo dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat fi Brussell fit-a2 ta' Mejju 1981, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Togo-Belġju" fil-Parti B,

Emendat l-aħħar mill-Memorandum ta' Ftehim magħmul fi Brussell fil-21 ta' Jannar 2004,

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Popolari tal-Bulgarija u l-Gvern tar-Repubblika tat-Togo dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Lomé fis-6 ta' Lulju 1990, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Togo - Bulgarija" fil-Parti B,

— Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika tat-Togo, iffirmat f'Bonn fis-27 ta' Mejju 1971, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Togo - Ġermanja" fil-Parti B,

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tat-Togo u l-Gvern tar-Repubblika ta' Franza dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Lomé fis-16 ta' April 1982, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Togo - Franza" fil-Parti B,

Emendat l-aħħar bil-minuti tal-Konsultazzjonijiet imfasslin f'Pariġi fl-20 ta' Ottubru 2003,

— Ftehim bejn ir-Repubblika tat-Togo u l-Gran Dukat tal-Lussemburgu dwar it-Trasport bl-Ajru, magħmul fil-Lussemburgu fl-24 ta' Marzu 1992, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Togo - Lussemburgu" fil-Parti B,

— Ftehim bejn ir-Renju tal-Olanda u r-Repubblika tat-Togo dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Lomé fis-17 ta' Marzu 1981, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Togo - Olanda" fil-Parti B.

(b) Ftehimiet dwar is-servizzi tal-ajru u arranġamenti oħrajn inizjalati jew iffirmati bejn ir-Repubblika tat-Togo u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea li, fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, għadhom ma daħlux fis-seħħ u mhux qed jiġu applikati b'mod provviżorju:

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Gvern tar-Repubblika tat-Togo dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Londra fil-15 ta' Frar 1999, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'Abbozz tal-Ftehim Togo - Renju Unit' fil-Parti B.

PARTI B

Lista tal-artikoli tal-ftehimiet elenkati fil-Parti A u msemmijin fl-Artikoli 2 sa 5 ta' dan il-Ftehim

(a) Għażla minn Stat Membru

L-Artikolu 9 tal-Ftehim Togo - Belġju

L-Artikolu 12 tal-Ftehim Togo - Bulgarija

L-Artikolu 9 tal-Ftehim Togo - Franza

L-Artikolu 14 tal-Ftehim Togo - Ġermanja

L-Artikolu 11 tal-Ftehim Togo - Lussemburgu

L-Artikolu 11 tal-Ftehim Togo - Olanda

L-Artikolu 4 tal-Abbozz tal-Ftehim Togo - Renju Unit

(b) Ċaħda, revoka, sospensjoni jew limitazzjoni ta' liċenzji jew permessi

L-Artikolu 10 tal-Ftehim Togo - Belġju

L-Artikolu 13 tal-Ftehim Togo - Bulgarija

L-Artikolu 10 tal-Ftehim Togo - Franza

L-Artikolu 7 tal-Ftehim Togo - Ġermanja
L-Artikolu 12 tal-Ftehim Togo - Lussemburgu
L-Artikolu 12 tal-Ftehim Togo - Olanda
L-Artikolu 5 tal-Abbozz tal-Ftehim Togo - Renju Unit

(c) Kontroll regolatorju

L-Artikolu 3 tal-Ftehim Togo - Belġju
L-Artikolu 12 tal-Ftehim Togo - Bulgarija
L-Artikolu 9 tal-Ftehim Togo - Franza
L-Artikolu 11 tal-Ftehim Togo - Lussemburgu
L-Artikolu 11 tal-Ftehim Togo - Olanda
L-Artikolu 14 tal-Abbozz tal-Ftehim Togo - Renju Unit

(d) Tassazzjoni tal-karburant tal-ajruplani

L-Artikolu 2 tal-Ftehim Togo - Belġju
L-Artikolu 3 tal-Ftehim Togo - Bulgarija
L-Artikolu 2 tal-Ftehim Togo - Franza
L-Artikolu 3 tal-Ftehim Togo - Ġermanja
L-Artikolu 2 tal-Ftehim Togo - Lussemburgu
L-Artikolu 2 tal-Ftehim Togo - Olanda
L-Artikolu 8 tal-Abbozz tal-Ftehim Togo - Renju Unit